C/2025/2032

11.4.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Indikazzjoni Ġeografika, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 ([1])

(C/2025/2032)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Hjälmargös"

Nru tal-UE: PDO-SE-02888-AM01 — 22.1.2025

1. **Isem il-prodott**

"Hjälmargös"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☒ denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)

☐ indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)

☐ indikazzjoni ġeografika (IĠ)

3. **Settur**

☒ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Iżvezja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Aġenzija Nazzjonali tal-Ikel

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

Spjegazzjoni tar-raġuni għalfejn l-emenda/i taqa'/jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' emenda standard imsemmija fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143:

L-emendi tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u tad-Dokument Uniku huma emendi standard skont it-tifsira tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għar-raġunijiet li ġejjin:

a) ma jinkludux bidla fl-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta, jew fl-użu ta' dan l-isem;

b) huwa improbabbli li jirriskjaw li jannullaw ir-rabta msemmija fl-Artikolu 46(1)(b) għad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti;

c) ma jinvolvux aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i approvata/i**

1. Emenda li tippermetti li l-ħut jitkessaħ bil-ġewwieni tiegħu

L-Artikolu 3.5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 3.4 tad-Dokument Uniku ġew emendati kif ġej:

Il-"Hjälmargös" tinqabad u tiġi żbarkata fil-Lag Hjälmaren. Il-ħut jista' jitkessaħ bil-ġewwieni tiegħu. Il-ġewwieni jista' jitneħħa wkoll u mbagħad il-ħuta titkessaħ jew tiġi ffriżata sħiħa, jew titqatta' fi flettijiet u mbagħad titkessaħ. Il-flettijiet jistgħu jiġu ffriżati wkoll. L-operazzjonijiet kollha jridu jsiru fiż-żona ġeografika.

Il-"Hjälmargös" sħiħa (mhux iffilittjata) ma tistax tiġi ffriżata barra miż-żona ġeografika u tinbiegħ bl-isem "Hjälmargös".

L-emenda tippermetti li l-ħut jitkessaħ mingħajr ma l-ewwel jitneħħielu l-ġewwieni. L-Assoċjazzjoni tas-Sajd tal-Lag Hjälmaren iddikjarat li dan huwa approċċ użat mis-sajjieda tal-"Hjälmargös". L-emenda tallinja l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u d-Dokument Uniku mal-prattika attwali.

L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

2. Emenda tad-deskrizzjoni tal-prodott dwar id-daqs tal-malji meta jsir sajd bl-użu ta' xbieki mirfuda f'post fiss bi xbieki fyke kbar

L-Artikolu 3.2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 5 tad-Dokument Uniku ġew emendati kif ġej:

"Is-sajd bix-xbieki jista' jsir biss bl-użu ta' rkaptu b'daqs tal-malja ta' mhux inqas minn 60 mm. Il-ħut ma jistax ikun iżgħar minn 45 ċentimetru fil-ħin tal-qabda. Ir-restrizzjoni tad-daqs tal-malji ma tapplikax għax-xbieki mirfuda f'post fiss bi xbieki fyke kbar. Il-qabda titneħħa mix-xibka tal-fyke, u l-ħut li ma jissodisfax ir-rekwiżit tad-daqs ta' 45 cm jiġi rritornat ħaj lejn il-lag."

L-emenda tipprevedi l-użu ta' daqs tal-malja differenti għax-xbieki mirfuda f'post fiss bi xbieki fyke kbar. L-emenda żżid ukoll li l-qabda titneħħa mix-xibka fyke u ħut iżgħar milli suppost irid jiġi rritornat ħaj fil-baħar.

L-Assoċjazzjoni tas-Sajd tal-Lag Hjälmaren iddikjarat li dan huwa approċċ użat mis-sajjieda tal-"Hjälmargös". L-emenda qed issir biex l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u d-Dokument Uniku jsiru konformi mal-prattika attwali tas-sajjieda tal-"Hjälmargös".

L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

3. Emenda tad-deskrizzjoni taż-żona ġeografika fir-rigward tad-distanza mil-linji ta' demarkazzjoni tal-lagi

L-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4 tad-Dokument Uniku ġew emendati kif ġej:

"L-art madwar il-lag sa 10 km mil-linji ta' demarkazzjoni tal-lag hija wkoll inkluża fiż-żona ġeografika għal attivitajiet fil-katina tal-produzzjoni li jinkludu ħżin, ipproċessar u preparazzjoni tal-"Hjälmargös."

L-emenda testendi l-medda taż-żona ġeografika sa 10 km mil-linji ta' demarkazzjoni tal-Lag Hjälmaren. L-Assoċjazzjoni tas-Sajd tal-Lag Hjälmaren tiddikjara li ż-żona preċedenti ta' 1 km ma kinitx taqbel mal-attivitajiet tas-sajjieda tal-"Hjälmargös".

L-emenda taffettwa d-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet (tad-DOP jew tal-IĠP)**

"Hjälmargös"

2. **L-Istat Membru jew il-pajjiż terz**

L-Iżvezja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Nomenklatura Magħquda*

— 03 — ĦUT U KRUSTAĊJI, MOLLUSKI U INVERTEBRATI AKKWATIĊI OĦRAJN

0304 — fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut (kemm jekk kapuljat u kemm jekk le), frisk, imkessaħ jew iffriżat

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-"Hjälmargös" hija luċċjoperka friska maqbuda fis-selvaġġ (*Sander lucioperca*) mil-Lag Hjälmaren. Il-ħuta trid tkun twila tal-inqas 45 cm meta tinqabad, u tinbiegħ friska jew iffriżata, sħiħa jew iffilettjata.

It-togħma tal-"Hjälmargös" hija influwenzata minn bosta fatturi relatati mal-ħabitat tagħha. Il-Lag Hjälmaren huwa korp ta' ilma mimli nutrijenti, li jipprovdi lill-ħut bi provvista tajba tas-sors primarju tiegħu ta' ikel, il-perlan (*Osmerus eperlanus*). Studji fuq il-perlan ġej minn diversi ilmijiet juru li l-perlan mil-Lag Hjälmaren għandu kompożizzjoni unika ta' aċidu xaħmi, li taffettwa wkoll il-kontenut ta' aċidu xaħmi tal-luċċjoperka. Studji wrew li l-ambjent mimli nutrijenti jagħmel ukoll il-"Hjälmargös" tikber estremament malajr u b'mod uniformi. Dan jipproduċi ħuta eħxen li meta tissajjar, ikollha konsistenza ratba u tinqasam malajr.

Daqs

twila ≥ 45 cm

≥ 0,8 kg

Togħma

Persuni b'taħriġ sensorjali spiss jiddeskrivu t-togħma tal-"Hjälmargös" bħala togħma delikata ta' ħut u nadifa. Meta tkun nejja, il-"Hjälmargös" ikollha togħma tarija. Tista' tiġi distinta togħma mhux qawwija ta' lewż u ta' kantarell. It-togħma li tibqa' hija metallika.

Meta tissajjar, mill-"Hjälmargös" joħorġu x-xaħam tal-ħuta u firxa ta' togħmiet. Dawn jinkludu ħjiel ta' ħlewwa u ċerta mluħa. Tkun tista' tinqabad togħma dgħajfa ta' lewż, kif ukoll noti ta' frott tal-baħar bil-qoxra.

Konsistenza

Il-"Hjälmargös" għandha konsistenza li tinħall fil-ħalq mingħajr sensazzjoni ta' xaħam. It-togħma tal-"Hjälmargös" hija tant dgħajfa li f'fetet irqaq, il-konsistenza tiegħu, b'laminae distinti u robusti hija l-aktar karatteristika prominenti tal-esperjenza tat-togħma.

Kulur

Il-laħam tal-"Hjälmargös" ileqq lewn il-madreperla.

Kontenut nutrizzjonali (għal kull 100 g ta' laħam tal-ħut)

Enerġija (kcal)	80 — 90
Xaħam (g)	0,2 — 0,3
Proteini (g)	20 — 26

Dawn ma humiex punti ta' kontroll iżda pjuttost ħarsa ġenerali lejn il-firxiet tal-valuri nutrizzjonali li normalment jinsabu fil-luċċjoperka maqbuda fis-selvaġġ.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-luċċjoperka hija ħuta predatorja u tiekol ħut ieħor selvaġġ li jgħix fl-istess ilmijiet. Fil-Lag Hjälmaren il-perlan (*Osmerus eperlanus*) huwa l-ikel primarju, b'medja matul is-sena. Skont l-istaġun u d-disponibbiltà tal-perlan, id-dieta tiegħu tinkludi wkoll id-dott tal-Ewropa ta' Fuq (*Perca fluviatilis*), il-laska (*Rutilus rutilus*) u l-karpjun ta' Al Bura (*Alburnus alburnus*).

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-"Hjälmargös" tinqabad u tiġi żbarkata fil-Lag Hjälmaren. Il-ħut jista' jitkessaħ bil-ġewwieni tiegħu. Il-ġewwieni jista' jitneħħa wkoll u mbagħad il-ħuta titkessaħ jew tiġi ffriżata sħiħa, jew titqatta' fi flettijiet u mbagħad titkessaħ. Il-flettijiet jistgħu jiġu ffriżati wkoll. L-operazzjonijiet kollha jridu jsiru fiż-żona ġeografika.

Il-"Hjälmargös" sħiħa (mhux iffilittjata) ma tistax tiġi ffriżata barra miż-żona ġeografika u tinbiegħ bl-isem "Hjälmargös".

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-imballaġġ, eċċ.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Kull konsenja tal-"Hjälmargös" tiġi ttikkettata b'dan li ġej (minbarra l-informazzjoni mitluba bil-liġi):

— id-data tal-qabda

— is-sajjied (numru tal-ID)

— id-Denominazzjoni ta'Oriġini Protetta (DOP)

4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika hija magħmula mil-Lag Hjälmaren. Il-konfini tal-lag huma delineati mix-xatt u mil-linji dritti bejn iż-żewġ punti l-aktar 'il barra tal-ħalq ta' kull tributarju u fetħa tal-lag.

L-art madwar il-lag sa 10 km mil-linji ta' demarkazzjoni tal-lag hija wkoll inkluża fiż-żona ġeografika għal attivitajiet fil-katina tal-produzzjoni li jinkludu ħżin, ipproċessar u preparazzjoni tal-"Hjälmargös".

Il-Lag Hjälmaren huwa r-raba' l-akbar lag tal-Iżvezja mil-lat ta' erja tas-superfiċje (484 km²) u jinsab f'Mälardalen fl-Iżvezja ċentrali. L-oriġini tal-isem hija l-kelma Żvediża antika *iælmber, li tfisser bejn wieħed u ieħor "il-lag tal-maltempati". Il-lag huwa diviż bejn tliet reġjuni, Södermanland, Närke u Västmanland. Il-Lag Hjälmaren jista' jiġi diviż bejn ħames baċiri bejn wieħed u ieħor delineati: Hemfjärden, Mellanfjärden, Stor-Hjälmaren, Södra Hjälmaren u Östra Hjälmaren.

Is-sajd kummerċjali jseħħ prinċipalment fi Stor-Hjälmaren u Östra Hjälmaren, kif ukoll fl-aktar parti fil-Lvant ta' Mellanfjärden. Mellanfjärden tal-Punent, u sa ċertu punt Hemfjärden, huma żoni baxxi ħafna ta' riproduzzjoni u nursery għal-luċċjoperka (inqas minn 2 m fond).

5. Rabta maż-żona ġeografika

Ir-rabta bejn iż-żona ġeografika u l-karatteristiċi organolettiċi tal-"Hjälmargös" huma bbażati kemm fuq il-kundizzjonijiet naturali taż-żona kif ukoll fuq fatturi umani.

Kundizzjonijiet naturali

— baxxfond

— temperatura medja għolja

— livelli għolja ta' nutrijenti

— trasparenza skarsa tal-ilma

— Il-"Hjälmargös" hija ġenetikament adattata għall-kundizzjonijiet tal-lag, bħalma huwa l-ħut tal-priża primarja.

Il-lag huwa karatterizzat minn baxxfond, temperaturi għoljin u livelli għoljin ta' nutrijenti. Fit-tliet aspetti kollha, il-Lag Hjälmaren jista' jiġi meqjus bħala estrem għal lag Ewropew kbir tat-Tramuntana. Il-fond medju huwa ta' 6,1 m biss. Il-lag dejjem kien baxx, iżda tnaqqas b'aktar minn metru matul operazzjonijiet estensivi ta' tnaqqis tal-lag fl-1878–1887 biex tiġi rilaxxata art agrikola madwar il-lag. Il-baxxfond jikkontribwixxi għat-temperatura għolja. Il-massa kollha tal-ilma titqalleb meta jkun hemm ir-riħ fuq il-lag, li jfisser li fis-sajf ma jkun hemm l-ebda ilma taħt it-thermocline. L-istatus tan-nutrijenti huwa għoli ħafna b'livelli medji ta' fosfru ta' madwar 50 µg/l fi Stor-Hjälmaren. Dan jikkontribwixxi għal trasparenza skarsa tal-ilma fil-lag, li huwa ta' vantaġġ għal predaturi li jikkaċċjaw il-ħut tal-priża. Dawn il-fatturi kollha huma ta' benefiċċju għall-"Hjälmargös".

It-temperaturi għoljin u l-livelli tan-nutrijenti tal-lag jipprovdu lill-ħut bi provvista adegwata tas-sors tal-ikel primarju tiegħu, il-perlan (Osmerus eperlanus). Studji fuq il-perlan ġej minn diversi ilmijiet juru li l-perlan mil-Lag Hjälmaren għandu kompożizzjoni unika ta' aċidu xaħmi, li taffettwa wkoll il-kontenut ta' aċidu xaħmi tal-luċċjoperka. Studji wrew li l-ambjent mimli nutrijenti jagħmel il-"Hjälmargös" tikber estremament malajr u b'mod uniformi. Dan jipproduċi ħuta eħxen li meta tissajjar, ikollha konsistenza ratba u tinqasam malajr.

Studji ġenetiċi juru wkoll li l-popolazzjoni tal-luċċjoperka fil-Lag Hjälmaren adattat għall-kundizzjonijiet speċifiċi tiegħu. Analiżi fil-fond tal-luċċjoperka mill-Baħar Baltiku u l-lagi tal-Iżvezja ċentrali juru li l-luċċjoperka fil-Lag Hjälmaren hija unika u hija ġenetikament differenti mil-luċċjoperka l-oħra kollha, inkluż dawk f'korpi tal-ilma filviċin. Il-luċċjoperka mil-Lag Hjälmaren tintuża biex tippopola postijiet oħra tas-sajd, iżda dawk il-każijiet ma waslu għal ebda bidla ġenetika li tista' titkejjel fil-popolazzjonijiet lokali tal-luċċjoperka. Il-popolazzjoni ġenetikament distinta tal-"Hjälmargös" tinsab biss fil-Lag Hjälmaren. Ma hemm ukoll l-ebda trasferiment ta' luċċjoperka minn korpi oħra tal-ilma lil-Lag Hjälmaren.

Fatturi umani

It-togħma tal-"Hjälmargös" hija influwenzata minn fatturi oħra apparti dawk relatati mal-ħabitat u mal-ġenetika uniċi tagħha:

— enfasi fuq il-kwalità u l-ġestjoni sostenibbli tal-istokk tal-luċċjoperka

— għadd kbir ta' sajjieda kummerċjali – ħin qasir mill-qabda għall-konsenja

— għarfien tal-bijotopu

Is-sajd bix-xbieki jista' jsir biss bl-użu ta' rkaptu b'daqs tal-malja ta' mhux inqas minn 60 mm. Il-ħut ma jistax ikun iżgħar minn 45 ċentimetru fil-ħin tal-qabda. Ir-restrizzjoni tad-daqs tal-malji ma tapplikax għax-xbieki mirfuda f'post fiss bi xbieki fyke kbar. Il-qabda titneħħa mix-xibka tal-fyke, u l-ħut li ma jissodisfax ir-rekwiżit tad-daqs ta' 45 cm jiġi rritornat ħaj lejn il-lag. Sabiex ma tiġix ipperikolata d-disponibbiltà tal-ikel, jiġi pprattikat ilqugħ waqt is-sajd għall-ħut priża tal-luċċjoperka. Fil-lag ma jsir l-ebda tkarkir. L-għażla tal-irkaptu u tal-post tas-sajd tvarja matul is-sena u hija bbażata fuq ħafna snin ta' esperjenza. Il-metodi tas-sajd ifissru li kull ħuta hija ttrattata u vvalutata individwalment mis-sajjied. Ir-restrizzjoni fuq is-sajd imqiegħda fis-seħħ mis-sajd kummerċjali hija raġuni waħda għall-kwalità tal-"Hjälmargös". Id-daqs, it-tkabbir rapidu (temperatura tal-ilma u kontenut ta' nutrijenti għoljin u disponibbiltà tajba tal-priża) u l-freskezza tal-ħuta huma tliet fatturi importanti għat-togħma tal-"Hjälmargös", li jista' jkun marbut mal-mod kif jitwettaq is-sajd kummerċjali fil-Lag Hjälmaren.

Is-sostenibbiltà tal-"Hjälmargös" hija kkonfermata miċ-ċertifikazzjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni Marittima (MSC) tal-ħut. Madankollu, iċ-ċertifikazzjoni tal-MSC ma hijiex rekwiżit għal Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta. Il-"Hjälmargös" hija kkunsidrata bħala ħuta ta' kwalità.

Is-sajd għal-luċċjoperka fil-lag huwa bbażat fuq tradizzjoni tas-sajd ta' aktar minn 500 sena. Illum, is-sajd għal-luċċjoperka fil-Lag Hjälmaren jitwettaq minn 35 sajjied kummerċjali b'portijiet tar-ritorn madwar il-lag, li huwa għadd ogħla mis-soltu għal lag ta' dan id-daqs. Sajd fuq skala żgħira jfisser li s-sajjieda qatt ma jkunu 'l bogħod mill-port tar-ritorn tagħhom u spiss ma jdumux aktar minn sagħtejn mill-qbid sal-iżbark fuq il-molll. F'temp ħażin jistgħu jdumu sa mhux aktar minn 5 sigħat. Fl-aktar żmien sħun tas-sena, il-ħut jitpoġġa fuq is-silġ fid-dgħajsa. It-togħma nadifa u "ta' ħut" li tikkaratterizza l-"Hjälmargös" hija marbuta mas-sajd b'impatt baxx. Żmien qasir bejn il-qbid u l-manipulazzjoni fuq l-art. Il-kwalità tista' tiġi spjegata bħala freskezza, li hija wkoll kwalità li tiġi ppreżervata permezz ta' ffriżar rapidu eżatt wara li l-ħut jiġi żbarkat.

Il-Lag Hjälmaren huwa post speċjali tas-sajd li jeħtieġ għarfien prattiku estensiv sabiex wieħed jitgħallem sew il-karatteristiċi speċjali tal-lag u biex isir sajd fil-post it-tajjeb fil-ħin it-tajjeb għall-aħjar kwalità.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

https://www.livsmedelsverket.se/globalassets/foretag-regler-kontroll/livsmedelsinformation-markning-halsopastaenden/skyddade-beteckningar/produktspecifikation-hjalmargos-skyddad-ursprungsbeteckning_241219.pdf